**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

# IT-TMIEN LEGISLATURA

## Laqgha Numru 28

**23 ta' Awwissu 2021**

**Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-hamsa u nofs ta' filghaxija.**

**PREZENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Oriana Calleja – Vici Sindku**
**Ronald Portelli - Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti - Kunsillier**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOGIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
**N/A**

**UFFICCJAL PREZENTI:**

**Yasmine Tonna – Segretarju Ezekuttiv**

## Minuti

Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgha.

## 28.1 Qari ta' ittri ta' apologiji;

28.1.1 Kulhadd attenda ghal-laqgha ghaldaqstant ma kinx hemm ittri ta' apologiji.

## 28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

28.2.1 Il-Minuti gew imressqa mis-Sindku ghall-approvazzjoni.

Ma kinx hemm korrezzjoni.

## 28.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

28.3.1 Is-Sindku ssuggerriexa li naghmlu maskli bil-logo tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament biex nordnaw ghall-kunsilliera u l-istaff tal-kunsill.

28.3.2 Is-Sindku qal li l-postijiet li konna ghazilna biex ninstallaw il-Wifi mill-fondi tal-Wifi4EU gejna nfurmati min-nies teknici li ma jistghux jaghmlu Wifi fil-postijiet li konna ssuggerejna qabel.

Ghaldaqstant gibna permess minn 3 t'ihwienet li huma l-Irrera Restaurant, Amigos kif ukoll Glitters Stationery. B'hekk se jkolna nstallat Wifi fuq il-bajja ta' Ta' Xbiex, kif ukoll Triq il-Watar/Triq Principessa Margerita. Ghazilna dawn it-tlett restoranti/stationary biex xorta nibqu mal-areas li konna ghazilna li xtaqna ninstallaw il-Wifi.

## 28.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

28.4.1 Il-Kunsillier Eugenio Muscat saqsa gietx accettata l-appel li konna ghamilna dwar is-2nd call tan-Norwegian Funds.

Is-Segretarju Ezekuttiv irrispondiet li kienet infurmat lill-Kunsilliera kollha li l-appell li ghamilna ma gietx accetteta.

## 28.5 Accumulation of Vacation Leave;

28.5.1 Is-Sindku Max Zammit qal li s-Segretarju Ezekuttiv talbet biex iggedded 100 siegha Vacation leave minn din is-sena ghas-sena diehla. Qal ukoll li l-Assistent Principali Anna Micallef tixtieq iggedded 40 siegha minn din is-sena ghas-sena diehla.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 28.6 Electric Van Tender Evaluation;

28.6.1 Is-Sindku qal li saret l-evaluation tat-tender u kull ma kien hemm bidder wiehed li huwa Michael Attard Ltd li jgib ic-Citroen. Huwa qal li dan is-supplier lehhaq il-criteria li tlabna ahna, ghaldaqstant fil-granet li gejjien se nkunu qed nibghatulu li huwa rebah it-tender u ittra ta’ accettazjoni.

## 28.7 Items ohra ta’ xoghol iehor tal-Kunsill Lokali li jkunu mehtiega;

28.7.1 Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li rridu jsiru bollards fil-ponot tas-soft area, fejn hemm il-bandiera, fuq kull naha ta’ Triq Abate Rigord. Huwa qal li l-karozzi qed jaghmlu U-turn u jigu one-way u qed nistennew li jsir incident ikrah.

Il-Kunsill qabel li jsiru fuq iz-zewg nahat.

28.7.2 Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li hemm bzonn inkelmu lid-Dipartiment tas-sahha biex kull nhar ta’ Erbgha terga tibda tigi t-tabiba u nurse. Din it-talba kienet diga saret mill-kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nkomplu naghmlu presjoni.

28.7.3 Il-Kunsllier Louise Cachia Castelletti qalet ukoll biex inkelmuhom ukoll fuq is-servizz tal-podologista. Gibdet l-attenzjoni li bereg ohra nfethu.

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li hija se terga tikkuntatjahom izda m’iliex hafna li kienet kelmiethom

28.7.4 Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li bejn BLK C5 u BLK E2 hemm soft area bil-hamrija li qed tkun mahmuga hafna. Huwa ssuggerrixxa li tinalaq halli nies ma jkunux jistghu jidhlu bil-klieb u jhallu l-hmieg tal-klieb warajhom.

Is-Sindku qal li fejn tahdem ohtu, igifieri l-Intercontinental Hotel ghandhom xi arbuxelli li jistghu jtuna bhala donazzjoni bla hlas u fil-jiem li gejjien ghandhom jigu mhawla.

28.7.5 Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li Library ghandha bzonn tigi trangata. Is-Sindku qal li huwa kien issuggerrixxa li l-Library kienet tinqasam parti fejn naghmlu computer lab zghir u parti ohra naghmluha Library, madanakollu dak iz-zmien ma kienx hemm qbil fil-kunsill. Is-Sindku qal li hekk jixtiequ li jergaw jikkunsidrawa, huwa lest li jiddiskutieha imma jridu jikkunsidraw ukoll l-uzu tal-ufficju tan-naha l-ohra.

## 28.8 Rapport mill-Kunsilliera;

28.8.1 Il-Kunsillier Oriana Calleja ssuggerriet li kultant nibdew nahslu l-bankini ghax hemm certu postijiet li qed ikunu mahmugien hafna. Hija semmiet li Triq id-Deffa u Triq George Mitrovich hemm bzonn li jinhasel sewwa ghax hemm hmieg li ilu hafna hemm. Qalet ukoll li b'konsigwenza ta' dan il-hmieg qed jigu hafna asian hornets.

Il-Kunsilliera qablu u hargu b'ideat differenti kif ghandhom jigu mnadfa l-bankini. Is-Segretarju Ezekuttiv se ticcekja kemm jiswewna u niddeciedu minn hemm hekk.

28.8.2 Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti, kif ukoll is-Sindku Max Zammit qalu li anke huma rcevew hafna rapporti dwar l-Asian Hornets.

Is-Sindku qal li ghandna niddentifikaw xi postijiet u ngibu tal-pest control.

Il-Kunsill qabel.

## 28.9 Tmiem tal-laqgha u data tas-Seduta li jmiss;

28.9.1 Il-laqgha li jmiss ha ssir **l-Erbgha 15 ta' Settembru** fil-hamsa u nofs ta' filghaxija.

Il-laqgha intemmet fit-tmienja ta' filghaxija.

Konfermati llum it-Tnejn 23 ta' Awwissu, 2021.

**_IFFIRMATA__________**
Max Zammit
Sindku

**____IFFIRMATA____**
Yasmine Tonna
Segretarju Ezekuttiv